ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

26 JUL 2023

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**IT-TMINN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 581**

**It-Tlieta 20 ta' Ġunju 2023**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra - Kunsilliera
Angelo Scicluna – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 581.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

581.1.1 Inqraw ittri ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech u mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech u s-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri jkunu skużati.

### 581.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

581.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-minuti tal-580 laqgħa tal-Kunsill ġew unanimament approvati.

### 581.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

581.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li waqt laqgħa li kellu ma' Transport Malta ġiet diskussa proposta biex tinfetaħ triq ġdida bejn Ħaż-Żabbar u l-Kalkara. Dan sabiex it-traffiku li jkun sejjer fid-direzzjoni ta' *Smart City*, minflok jgħaddi miċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar, ikun jista' jgħaddi minn din it-triq. Is-Sindku qal li t-triq proposta mistennija tifforma mill-viċinanzi ta' Triq Bieb is-Sultan, fiż-żona tal-Fatah u tkompli tul it-triq kollha sal-Kunvent tal-Patrijiet tal-Kapuċċini tal-Kalkara. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kienx qed jintalab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinfetaħ din it-triq. Is-Sindku qal illi kienet qed issir konsultazzjoni mal-Kunsill u żied jgħid li din it-triq ilha proġettata li ssir. Is-Sur Joseph Agius staqsa x'impatt ser ikun hemm fuq l-ambjent. Is-Sindku qal li ġew implimentati diversi miżuri biex jitnaqqas l-impatt fuq l-ambjent. Is-Sindku qal illi fiż-żona tal-Fatah diġà kien hemm triq bil-konkos, u kulma jonqos kien li tiġi estiża it-triq. Id-disinn tat-triq jinkludi korsija waħda fuq kull naħa, kif ukoll korsija ddedikata għar-roti u żona pedonali biex tinkoraġġixxi għażliet ta' trasport mhux motorizzat. Is-Sindku saħaq li l-proġett kien jinvolvi wkoll it-tħawwil ta' numru sinifikanti ta' siġar mal-ġenb tat-triq. Din l-infrastruttura ekoloġika mhux biss ittejjeb l-appell estetiku taż-żona, iżda tikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-kwalità tal-arja u l-preservazzjoni tal-bijodiversità. Is-Sinjura Anna Calleja qajmet mistoqsija dwar il-wisà tat-triq u jekk hix se titwessa'. Is-Sindku qal illi t-triq diġà teżisti, iżda l-aħħar biċċa għada mhix miftuħa. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk kinux ser jittieħdu xi għelieqi agrikoli. Dwar dan it-tħassib, is-Sindku spjega li l-bini tat-triq kien ilu ppjanat għal żmien twil, u s-sidien tal-artijiet milquta kienu diġà ġew innotifikati. Is-Sinjura Calleja staqsiet jekk kienx hemm xi oġġezzjonjiet dwar din it-triq. Is-Sindku wieġeb li l-proġett kien jinkludi l-iżvilupp ta' *network* pedonali u korsija apposta għar-roti, li tipprovdi rotot aktar sikuri u aktar aċċessibbli għall-*pedestrians* u ċ-ċiklisti bejn Ħaż-Żabbar, il-Fgura, iż-Żejtun, u l-Kalkara. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li hi kienet qed tistaqsi biex tara jekk hux ser jintlaqtu xi bdiewa Żabbarin. Is-Sindku qal ukoll li l-impatt fuq il-bdiewa kien ikkunsidrat u f'każijiet fejn l-art kellha bżonn tiġi esproprijata, kien ser jingħata kumpens xieraq lis-sidien milquta. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li meta ssir esproprjazzjoni tal-art, is-sidien jiġu

kumpensati. Is-Sur Joseph Agius staqsa dwar id-differenzi bejn il-proposta oriġinali u dik preżenti. Is-Sindku qal illi minflok toroq wiesgħin, ġiet inkluża korsija apposta għar-roti, żona pedonali u l-inklużjoni ta' siġar mat-triq. Is-Sindku tenna li l-proġett ser iġib vantaġġi sinifikanti għal-lokalità. Notevolment, ittejjeb l-aċċessibbiltà għall-postijiet importanti bħall-Bibien ta' San Ġakbu u s-Salvatur. Dawn iż-żoni se jgħaddu minn tindif, konservazzjoni, u restawr, u fl-aħħar mill-aħħar jibbenefikaw u jitgawdew mir-residenti. Is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra esprimiet it-tħassib tagħha dwar il-preżenza ta' kolonji ta' qtates *strays* li hemm f'dawk inħawi. Is-Sinjura Bongailas Zahra staqsiet jekk ġietx stabbilita komunikazzjoni mal-*feeders*. Is-Sindku rrikonoxxa t-tħassib u stqarr li din il-materja ser tingħata aktar attenzjoni fil-futur. Barra minn hekk, is-Sindku ċċara li x-xelters tal-qtates ma kinux jinsabu eżatt minn fejn kienet se tgħaddi t-triq u qal li l-Kunsill għandu jimpenja ruħu fi djalogu ma' dawk li jitimgħu il-qtates biex jiddiskutu soluzzjonijiet potenzjali u modi biex tiġi indirizzata l-kwistjoni b'mod proattiv.

581.3.2 Fis-6.30 ta' filgħaxija il-Kaptan Patrick Barbara daħal għal-laqgħa.

581.3.3 Is-Sur Joseph Buttigieg enfasizza l-importanza li jiġi żgurat kumpens fil-pront għall-bdiewa milquta mill-esproprjazzjoni tal-art. Is-Sindku rrikonoxxa t-tħassib u ċċara li r-responsabbiltà għall-proċess ta' kumpens taqa' taħt l-Awtorita` tal-Artijiet. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li xtaqet tkun taf kif il-bdiewa se jkunu affettwati minn dan il-proġett biex tkun tista' tagħti l-opinjoni tagħha dwar din il-proposta. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra, il-Kunsill qabel unanimament li tinfetaħ triq ġdida bejn Ħaż-Żabbar u l-Kalkara, kif propost minn Transport Malta.

581.3.4 Is-Sindku tkellem dwar is-sessjonijiet tal-Junior Science Club li qed jiġu organizzati mill-Kunsill. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti biex il-Kunsill ikompli jorganizza sessjonijiet tal- Junior Science Club għat-tfal ta' bejn is-7 u l-11-il sena. Barra minn hekk, is-Sindku ppropona li l-inizjattiva tal-Junior Science Club tiġi estiża għal studenti ta' bejn 3 u 6 snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom. Is-Sindku żied jgħid li minħabba kunsiderazzjonijiet loġistiċi, ġie deċiż li s-sessjonijiet tal-Junior Science Club għas-sena akkademika li ġejja 2023-2024 jiġu organizzati fl-Iskola Primarja B ta' Ħaż-Żabbar. Il-Kunsill irrikonoxxa li l-post joffri faċilitajiet u riżorsi xierqa biex is-sessjonijiet jitmexxew b'mod effettiv. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza s-sessjonijiet tal-Junior Science Club għal studenti ta' bejn is-7 u l-11-il sena u għal studenti ta' bejn 3 u 6 snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom.

581.3.5 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva diversi talbiet ta' reklamar fil-pubblikazzjonijiet li jiġu stampati fil-jiem tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jippubblika reklam f'Leħen is-Santwarju, Festa 2023 għall-prezz ta' €160, reklam fi-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġ mill-

Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għall-prezz ta' €150, reklam fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġ mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ, kif ukoll reklam ta' paġna sħiħa bil-kulur fil-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar.

581.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza Merħba lis-Sajf bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Ċiviku nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ġunju, 2023 fis-Sala tal-Kunsill u li l-Kunsill ikopri n-nefqa assoċċjata max-xorb li ser jinxtara għall-mistidnien.

581.3.7 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Grupp Armar tal-Festa fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata l-attività l-Ewwel Sibt tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività l-Ewwel Sibt tal-Grazzja bil-kollaborazzjoni tal-Grupp Armar tal-Festa, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €800 VAT inkluż. Is-Sindku talab lill-Kunsillieri jattendu għal din l-attività.

581.3.8 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk saritx il-laqgħa li kellha ssir mal-għaqdiet lokali u żied jgħid li l-iskop tal-laqgħa kien li jintlaħaq qbil dwar il-baġit allokat mill-Kunsill għall-attivitajiet kulturali. Is-Sindku qal li minkejja diversi tentattivi biex tiġi organizzata l-laqgħa, kien hemm individwi li ma kinux disponibbli biex jattendu. Minħabba f'hekk, il-laqgħa kienet għadha ma saritx. Is-Sindku talab lis-Sur Joseph Vella jinfurmah bid-disponibbiltà tiegħu sabiex tkun tista' tiġi ffissata ġurnata xierqa għall-organizzazzjoni tal-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti illi minkejja li l-Kunsill ma kienx approva l-kollaborazzjoni ta' wħud mill-attivitajiet li ġew organizzati mill-għaqdiet lokali, il-Kunsill xorta irċieva talba għall-ħlas ta' wħud minnhom. Is-Sindku qal illi dan ma kellux isir peress illi ma kienx intlaħaq ftehim mal-għaqdiet. Is-Segretarju Eżekuttiv saħqet li qed tressaq din il-kwistjoni għall-attenzjoni tal-Kunsill sabiex tiżgura li jekk xi għaqda lokali tistaqsi dwar in-nuqqas ta' ħlas mill-Kunsill, il-Kunsillieri jkunu nfurmati bir-raġuni warajha.

581.3.9 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fil-lokalità u qal li l-Kunsill kien għadu qed jiġbor il-kwotazzjonijiet biex jiġi mplimentat il-proġett mad-dawra tal-iskola. Is-Sindku qal li x-xogħol infrastrutturali fi Triq Bormla kien tlesta u li fil-futur viċin mistenni jinbeda ix-xogħol infrastrutturali fi Triq il-Kbira. Is-Sindku qal illi ix-xogħol ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa kien ġie temporanjament sospiż peress illi kien insteraq xi apparat tal-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet f'din it-triq. Is-Sindku żied jgħid li kien tlesta x-xogħol infrastrutturali f'parti minn Triq il-Kapuċċini u kien qed jitkompla x-xogħol fil-parti ta' Triq Alessio Erardi u Triq ix-Xgħajra.

581.3.10 Is-Sindku nfoma lill-membri preżenti li r-restawr tal-fanal li kien hemm f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien kważi lest. Ix-xogħol ta' iggalvanizzar u x-xogħol preparatorju sabiex jitwaħħal l-arblu kien tlesta. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien

franka spiża peress illi ntleħaq kompromess mal-Korporazzjoni Enemalta u l-ħġieġ tal-fanali u xi partijiet nieqsa kienu ser jiġu pprovduti b'xejn. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jinqala' l-arblu li hemm fil-Housing Estate sabiex jinbeda x-xogħol ta' restawr. Is-Sindku spjega li l-Korporazzjoni Enemalta kellha xi arbli żejda u l-Kunsill jista' jutilizza l-ħadid sabiex jagħmel l-ismijiet tal-entratura tal-lokalità.

581.3.11 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li r-railing tas-soft area fi Triq iċ-Ċawsli kien qed isir permezz tal-ħaddiema tar-Reġjun. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsill ta' Bormla peress illi kien aċċetta li r-railing jinħadem fil-bitħa tagħhom. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-ħaddiema tar-Reġjun biex jagħmlu l-puġġjaman tat-taraġ tal-venda.

581.3.12Is-Sindku żied jgħid li kien tneħħa l-apparat kollu minn Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-installazzjoni tal-apparat kienx ser isir permezz tal-ħaddiema tar-reġjun. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

581.3.13 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jsir railing mal-bankina li hemm fil-viċinanzi tal-Kulleġġ Santa Margerita Skola A minħabba sigurtà għat-tfal tal-iskola.

**581.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

581.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-sottokumitat.

**581.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

581.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet sabiex flimkien mal-iskeda ta' pagamenti jiġi nkluż il-pagament ta' € 12,441.17 dovut lil S Spagnol Construction Limited għax-xogħol ta' kostruzzjoni ta' bankina u zebra crossing fi Triq Bormla, u kostruzzjoni tas-soft area fi Triq in-Naħla. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-17 ta' Mejju 2023 u t-20 ta' Ġunju 2023 li kienet tammonta għal €94,578.78 kif ukoll il-pagament dovut ta' S Spagnol Construction Limited.

**581.6 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2022**

581.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva l-Istqarrijiet Finanzjarji kif emedati.

**581.7 Rapport tal-Awditur u Ittra ta' Direzzjoni**

581.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Ittra ta' Direzzjoni għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2022 u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f'din l-ittra. Kopja ta' dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur

Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-Ittra ta' Direzzjoni.

**581.8 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

581.8.1 Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sinjura Ghislaine Bongailas Zahra talbet li tkun skużata.

581.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-interviews li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidata A' hija l-aktar kandidata adattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidata A' tiġi mpjegata mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

**Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 15)**

581.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-interviews li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Skrivan (Skala 15). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu 'Kandidat A' huwa l-aktar kandidat adattat għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li 'Kandidat A' jiġi mpjegat mal-Kunsill bħala Skrivan (Skala 15).

581.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex f'każ li kandidat 'A' ma jaċċettax l-impjieg għall-kariga ta' skrivan (Skala 15), il-Kunsill imur għal kandidata 'B', li ġie klassifikat t-tieni fil-lista tal-għażla. Fuq proposta tas-Sinjura Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li f'dak il-każ jingaġġa lil kandidata 'B'.

**581.9 Aġġudikazzjoni ta' offerti**

- **Kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZBR 2/2023)**

581.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-evalwazzjoni ma kinitx konkluża.

**581.10 Traffic *Management* fiż-żona tal-iskejjel**

581.10.1 Is-Sindku ressaq pjanta proposta għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament mal-pjanta proposta.

**581.11 Dikjarazzjoni mill-Kunsill Lokali - GAL XLOKK**

581.11.1Is-Sindku nfoma lill-membri preżenti li l-Kunsill intalab jissottometti dikjarazzjoni ffirmata li ser jissapportja l-applikazzjoni Programm LEADER 2023-

2027 sottomessa mill-GAL Xlokk. Barra minn hekk is-Sindku spjega li l-Kunsill irid iħallas miżata ta' €500 għal kull Kunsillier għall-Programm LEADER 2023-2027. Din tista' tinqasam fit-tnejn; nofs il-miżata titħallas sa Novembru 2023 u n-nofs l-ieħor sa Diċembru 2026. Is-Sindku semma l-possibiltà li il-miżata titħallas fuq tlett snin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jissottometti d-dikjarazzjoni u li jħallas il-miżata dovuta.

**581.12 Ittri legali**

581.12.1 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura FCM 697 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, fejn talab kumpens ta' €70 mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamel fil-vettura tiegħu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident peress illi f'din it-triq kienu għaddejjin xogħlijiet ta' resurfacing minn Infrasturcture Malta. [1]

581.12.2 Inqara rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mingħand sid il-vettura MUN008 dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq il-Baħrija, fejn talab kumpens ta' €269.00 mingħand il-Kunsill għall-ħsara li għamel fil-vettura tiegħu waqt li kien qed jipparkja viċin il-bankina u faqa' t-tyre ta' quddiem tan-naħa tax-xufier ma' gutter tal-ħadid. Is-Sindku qal illi l-gutter kien ta' katusa tal-ilma tax-xita ta' residenza privata u għaldaqstant il-Kunsill m'għandux jaċċetta r-responsabilità ta' dan l-inċident. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta. [2]

**581.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

581.13.1 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa meta kienet ser issir ir-road hump fi Triq Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

581.13.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru l-hatching lines fi Triq il-Mina ta' Hompesch fil-viċinanzi ta' Triq Bajada.

581.13.3 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir zebra crossing fi Triq il-Kbira fil-viċinanzi tal-Istitut tal-Ursolini. Is-Sindku qal illi diġa kien għadda din il-proposta lil Infrastruttura Malta peress illi f'din it-triq kien ser isir xogħol infrastrutturali fil-futur qarib.

581.13.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li ssir drop kerb maz-zebra crossing li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatrici

581.13.5Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi, ħdejn Sala Notre Dame, kien hemm tabella għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità iżda fl-art kien hemm parking bay bajda. Is-Sur Buttigieg talab li l-parking bay tinżebaħ blu.

581.13.6 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li kien irċieva dwar ġrieden li hemm fi Triq il-Biċċieni, Sqaq numru 1. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa kien sar rapport lid-Dipartiment tas-Sanita' dwar dan.

581.13.7Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet mir-residenti minħabba li l-vetturi kienu qed jipparkjaw fuq il-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità minkejja li m'għandhomx blue sticker. Is-Segeretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ressqet dan l-ilment lill-Community Police.

581.13.8Is-Sur Joseph Agius talab biex il-laqgħat tal-Kunsill ma jibqgħux isiru *online* iżda jibdew isiru fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li mhux kulħadd ikun jista' jiġi l-Kunsill u żied jgħid li huwa ma jlaħħaqx jasal mix-xogħol. Is-Sur Joseph Agius żied jgħid li matul konferenza, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien qal li hija vergonja li għad hawn Kunsilli li għadhom jiltaqgħu *online*. Emendati

581.13.9Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Povoa de Varzim fejn rappreżentanti mill-Kunsill ġew mistiedna għall-festi ta' San Pedro li ser isiru fit-28 u d-29 ta' Ġunju, 2023. Is-Sindku qal illi d-delegazzjoni tal-Kunsill għal din l-attività ser tkun komposta mis-Sindku, mis-Sur Joseph Vella u mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku żied jgħid sabiex għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja jiġu mistiedna rappreżentanti mill-Kunsill ta' Eshborn u mill-Kunsill ta' Povoa de Varzim.

581.13.10 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani fil-ġranet tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja jiġu milqugħa mis-16 t'Awwissu sal-21 t'Awwissu 2023.

## 581.14 Mozzjonijiet

581.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 581.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

581.15.1Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju, 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

581.15.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-582 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju, 2023.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku